TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 52

Kaz Nru. 59

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Angelo Stivala
u
Sullivan Shipping Agencies Ltd.
u Clearing and Forwarding Services Ltd.

Data : 25 ta' Settembru,1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Fl-24 ta' Mejju,1979, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali baghtet lil dan it-Tribunal, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, l-ilment tas-Sur Angelo Stivala li hass li hu kien gie mkecci ingustament mill-impieg tieghu maz-zewg ditti hawn fuq imsemmija. Mill-ewwel qam argument dwar jekk fil-fatt is-Sur Stivala kienx impjegat maz-zewg ditti jew ma dik li'jisimha Clearing & Forwarding Services Ltd. biss. Rapprezentant tad-ditti qal li l-fatt li parti mis-salarju tas-Sur Stivala kienet tigi mhallsa minn Sullivan Shipping Agencies Ltd. kien biss ghall-konvenjenza biex is-Sur Stivala ma jidherx li kellu salarju aktar minn impjegati ohra aktar antiki minnhu mad-ditta Clearing & Forwarding Services Ltd. Fil-fatt, qal ir-rapprezentant tad-ditti, is-Sur Stivala ma hadem qatt ghal Sullivan Shipping Agencies Ltd. Dan, l-ewwel nett, huwa argument daqsxejn akkademiku. Barra minn hekk hemm dokumenti ta' karattru ufficjali li juru mod iehor. Dawn huma

/2. .....

(a) Il-ktieb tax-xoghol, li llum qieghed f'idejn id-Dipartiment tax-Xoghol, u li c-Chairman ta' dan it-Tribunal ra b'ghajnejh stess. Dan il-ktieb bhala employer isemmi z-zewg ditti u igib fuqhu t-timbru taghhom it-tnejn.

(b) Zewg certifikati separati ta' temm ta' impieg, it-tnejn dwar it-temm ta' impieg ta' l-istess Sur Angelo Stivala, wiehed bid-data 15 ta' Jannar, 1979, mahrug mid-ditta Clearing & Forwarding Services Ltd., u l-iehor bid-data 2 ta' Frar, 1979, mahrug mid-ditta Sullivan Shipping Agencies Ltd. It-tnejn huma ffirmati "L.J. Sullivan" fejn hemm mitluba il-firma tal-Principal.

(c) Il-formula imsejjha P.3, li kull employer huwa tenut jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, biex fuqha juri kemm ikun hallas matul sena lill-impjegat u kemm zammlu P.A.Y.E. Minn din il-formula P.3 gew esibiti zewg ezemplari (foto-kopji), wahda maghmula minn Clearing & Forwarding Services Ltd. (li turi salarju ta' £1187.54,l wara t-tnaqqis tal-P.A.Y.E.) u l-ohra maghmula minn Sullivan Shipping Agencies Ltd. (li turi salarju ta' £498 wara t-taxxa).

2. Il-partijiet. Is-Sur Angelo Stivala kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, D.Pol. Econ. (Oxon.), F.R. Econ.S., Konsulent Industrijali. Ghaz-zewg ditti fil-kwistjoni deher is-Sur Laurie J. Sullivan, li huwa Direttur tat-tnejn u li kien debitament awtorizzat.

3. Seduti, ecc. Bhala numru, qieshom jidhru li nzammu hames seduti biex jinstemgha dan il-kaz. Izda fil-fatt fit-tieni seduta ma sar xejn ghaliex il-partijiet qalu li kienu

ghadhom jistghu jiltaqghu bi prospett ta' ftehim bejniethom; fit-tielet seduta l-applikant irrinunzja li jgib xhieda li kien semma qabel u s-Sur Sullivan gie mfakkar li huwa kellu jipproduci awtorizzazzjoni biex jidher f'din il-kawza; u fir-raba' seduta ma setghetx tinstemgha xhieda ghaliex il-Qorti ma pproducietx stenografu. Fil-hames seduta nstemghet ix-xhieda tas-Sur Godwin Falzon, C.P.A., A.A.I.A., A.C.M.A., tad-ditta Messrs. Falzon, Falzon & Co., Certified Public Accountants, li kienu l-Awdituri tad-ditti in kwistjoni. Is-Sur Laurie Sullivan qal li x-xhud tieghu l-iehor, is-Sur J. Sullivan (li huwa ibnu), dik inhar ma setghax jigi ghax inqalalhu xoghol urgenti. Ghalhekk dik inhar saru wkoll is-sottomissjonijiet finali taz-zewg nahhat.

4. <u>Il-kaz</u>. Is-Sur Angelo Stivala kien gie impjegat, maz-zewg ditti skond il-ktieb tax-xoghol, bhala Sales Manager, fis-16 ta' Mejju, 1977. Il-hatra kienet verbali, ghal zmien mhux definit, u kienet topera il-probation ta' tlett xhur li tipprovdi l-ligi. Huwa esibixxa il-business card li stampatlu l-istess ditta Clearing and Forwarding Services Ltd., u li kienet tghid "Angelo Stivala, Sales Manager." Waqt it-trattazzjoni l-partijiet qablu li din kienet kariga ezekuttiva ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. Fil-10 ta' Jannar, 1979, is-Sur Stivala ircieva ittra minn ghand is-Sur L.J. Sullivan, Director, Clearing & Forwarding Services Ltd., li gharrfithu li l-impieg tieghu kien ser jigi mwaqqaf fil-31 ta' Jannar,1979, kif fil-fatt sar.

5. <u>Ragunijiet ghat-tkeccija</u>. F'dan il-kaz huwa partikolarment importanti li r-ragunijiet li wasslu ghat-temm ta' dan l-impieg wiehed ihares lejhom miz-zewg punti di vista, kif tahom l-employer u kif sostna li kienu l-impjegat.

(a) <u>L-employer</u> qal, fiz-zewg certifikati msemmija fil-paragrafu 1 (b) hawn fuq, "unsuitable for the work required" u "due to unforseen circumstances beyond our control." Dan iz-zewg "ragunijiet" it-tnejn mhumiex cari,

certament ebda awtorita' ma tista' toqghod fuqhom biss biex jintemm impieg (li hu l-ghajxien ta' bniedem), u t-Tribunal ma jafx jekk id-Dipartiment tax-Xoghol, meta rcieva dawn ic-certifikati, sejjahx lill-employer u talbu jispjega ruhu. Huwa cert li, bhala raguni, l-kliem "due to unforseen circumstances beyond our control" mha huma la cari u anqas bizzejjed. It-Tribunal ihoss li dan il-kaz kollhu setgha jigi evitat kieku d-Dipartiment tax-Xoghol waqaf fuq dak il-kliem vag, sejjah lill-employer u fehmu l-qaghda tieghu u d-drittijiet ta' l-impjegat. Waqt it-trattazzjoni, l-employer spjega li "unsuitable for the work required" ma kienetx tirreferixxi ghax-xoghol li ghalih kien gie mpjegat is-Sur Stivala, imma ghal xoghol iehor, ta' hekk imsejjah "general-purpose clerk", li huma riedu jaghtuh, minghajr pre-konsult mieghu, meta dehrilhom li kellhom bzonn li jirriorganizzaw ghax kien qieghed ikollhom telf. Din l-ispjega, li t-Tribunal ma setghax anqas johlomha qabel qalha s-Sur Sullivan, turi kemm kien importanti li d-Dipartiment tax-Xoghol isejjah lill-employer u jiccara l-affarijiet mieghu, u mhux jittratta l-kaz on paper biss halli jiehu l-kors facili li jibqa' sejjer quddiem it-Tribunal Industrijali.

(b) <u>L-impjegat</u>, permezz tal-konsulent tieghu s-Sur Matrenza, qal, fl-ewwel lok, li anke skond ir-raguni li ta l-employer, id-ditti ma kellhom ebda dritt jibdlu n-natura ta' l-impieg ta' impjegat minghajr il-kunsens tieghu. Fit-tieni lok, is-Sur Matrenza qal li l-vera raguni ghaliex tkecca s-Sur Stivala kienet l-ittra li l-istess Sur Stivala indirizza liz-zewg sinjuri Sullivan, Mr L. Sullivan u Mr J. Sullivan, fit-22 ta' Dicembru, 1978. Dan il-punt tad-difiza huwa ta' mportanza magguri, u ghalhekk jixraqlu li jigi ttrattat aktar fit-tul.

6. <u>Izjed dwar ragunijiet</u>. Qabel ma nghaddu ghal dik li l-impjegat qal li hija l-vera raguni ghaliex tkecca, naraw izjed x'qal l-employer, f'hinijiet diversi dwar x'wassal ghat-tkeccija ta' Mr. Angelo Stivala. Fuq "unforseen circumstances"

/5. .....

it-Tribunal diga' kkommenta. Dwar "unsuitable for the work required", ghad li diga' saru kommenti wkoll, ta' min izid li, f'ittra lit-Tribunal bid-data tad-9 ta' Lulju, 1979, is-Sur L.J. Sullivan, kiteb li meta s-Sur Stivala gie "detailed to do other Office work" wara ftit, "it was felt that Mr. Stivala was not suitable." Izjed tard, fis-sottomissjonijiet miktuba finali tieghu tat-12 ta' Settembru, 1979, l-istess Sur Sullivan qal : "Wara xi ftit xhur is-Sur Stivala deherlhu li dan l-impieg gdid ma kienx jghodd ghalih." Hawn ghandna zewg statements differenti dwar l-istess haga, wiehed jghid li s-Sur Stivala ma nstabx tajjeb ghax-xoghol il-gdid (salvo dak li ga' ghidna dwar id-dritt li tibdel xoghol minghajr il-kunsens ta' l-impjegat); u l-iehor jghid li l-istess Sur Stivala deherlhu li x-xoghol il-gdid ma kienx jghodd ghalih. Barra minn dan, l-employer qal li, mhabba n-nuqqasijiet tas-Sur Stivala, id-ditta Clearing & Forwarding Services Ltd.

(1) tilfet l-agenzija tad-ditta taljana tat-trasporti Suraci, u

(2) ghada ma gabritx aktar minn sitt miljun lira taljana, minn dejn minn ditta taljana ohra serit ta' aktar minn ghaxar miljuni u nofs liri taljani, b'riskju li dak li baqa' ma jingabarx.

Ta' dawn iz-zewg allegazzjonijiet, l-employer ma ta lit-Tribunal ebda prova, la li verament it-telfa u d-dejn graw, u anqas li ghalihom kien tassew responsabbli s-Sur Angelo Stivala. L-istess Sur Stivala qal li hu ma kienx responsabbli ghal management tad-ditti (ara klien is-Sur Matrenza waqt il-kontroezami tas-Sur Godwin Falzon fit-12 ta' Settembru, 1979), u li hu xoghlu ma kienx ma' l-Italja biss, imma wkoll ma' l-Ingilterra, d-Danimarka, l-Isvezja, Franza, u Spanja (ara l-ittra tieghu lin-National Employment Board, fid-data 8 ta' Marzu, 1979). Hawn ta' min josserva li l-Awditur , is-Sur Godwin

Falzon, meta kkonferma bil-gurament ic-certifikat tieghu tat-12 ta' Settembru, 1979, dwar it-trading results tal-kumpanija Clearing & Forwarding Services Ltd., ikkonferma wkoll illi t-telf ta' dawn l-ahhar tlett snin huwa ma kkwolifikax, igifieri ma ta ebda opinjoni dwar min kien responsabbli ghat-telf. Qal li hu ezamina l-kontijiet, mhux il-performance tal-Management.

7. <u>It-tkeccija skond l-applikant</u>. Id-difiza tas-Sur Stivala qalet li l-vera raguni ghaliex l-applikant gie mkecci kienet l-ittra (internal memo) li huwa kiteb lis-Sinjuri L. u J. Sullivan fit-22 ta' Dicembru, 1978. Din l-allegazzjoni hija korroborata minn dawn il-fatti li gejjin:

(a) Fit-talba tieghu lill-Ministru, fis-17 ta' April, 1979, fejn talab biex jinghata "redress" ghat-tkeccija skond il-ligi, s-Sur Stivala qal li (qabel ma hu kiteb dak il-memo) is-Sur Sullivan aktar minn darba assigurah li huma rieduh jibqa' maghhom. Din l-asserzjoni l-employer ma kkontestahiex.

(b) Fl-ittra tas-Sur L.J. Sullivan ta' l-10 ta' Jannar, 1979, indirizzata lis-Sur Stivala, ittra li s-Sur Sullivan sejjah "notice of termination", l-istess Sur Sullivan qal dawn il-precizi kelmiet :

"On the strength of your letter of the 22nd ultimo and <u>in view of what you say</u> (din l-enfasi hija tat-Tribunal), you are hereby notified that your employment with our Company will be terminated by the end of January, 1979."

Dina mela, ex admissis, hija tkeccija <u>ghaliex</u> l-impjegat kiteb dik l-ittra (internal memo) tat-22 ta' Dicembru, 1978.

huwa veru li l-employer, fis-sottomissjonijiet finali tieghu fit-12 ta' Settembru, 1979, qal li kellu jkecci lis-Sur Stivala ghaliex huma ma riedux izommuh bhala skjav (slave), kif allega hu fl-internal memo. Izda din hija spjega, jew difiza, li ma jista' jaccettaha hadd. Jekk impjegat jallega li l-impjegati qeghdin jigu ttrattati bhala skjavi, l-employer ghandu jew jurih l-izball tieghu jew jirranga l-kondizzjonijiet tax-xoghol jekk dawn tassew ikunu hziena. It-twegiba ghal ilment simili zgur mhiex it-tkeccija.

8. <u>Apprezament tat-Tribunal</u>. Jidher ghalhekk li hu veru li s-Sur Angelo Stivala tkecca wara li, u <u>ghaliex</u>, kiteb dak l-internal memo bid-data tat-22 ta' Dicembru, 1978. It-Tribunal ma dahalx, u mhux kompitu tieghu li jidhol, fil-kwistjoni jekk is-Sur Stivala ghandux jiehu dawk il-flus, leave, u kondizzjonijiet li huwa allega. Dwar dawn, jew parti minnhom, it-Tribunal jifhem li hemm kawza ohra pending quddiem tribunal iehor, taht l-Att Nru. XI ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

9. <u>L-ittra meqjusa mill-employer inkriminanti</u>.

F'dak l-internal memo tat-22 ta' Dicembru, 1978, is-Sur Stivala

(a) talab tlett ammonti ta' flus, li b'kollox igibu £550.78,8, li hu qal li kienu dovuti lilhu;

(b) talab kuntratt tax-xoghol bil-miktub biex ikun jaf seww id-drittijiet u d-doveri tieghu;

(c) staqsa jekk 28 gurnata leave li kien baqalu kienx ser jehodhom flus jew leave;

/8. .....

(d) qal li huwa, fuq parir mediku, kellhu bzonn il-mistrieh u ghalhekk kien sejjer bil-leave, u zied li gimgha wara kien sejjer l-ufficcju u jistenna li jsib lest dak li kien qed jitlob; u

(e) qal li jekk ma jsibx kollox lest kien fi hsiebu jghaddi kopja ta' l-ilmenti tieghu fejn kien xieraq.

Fil-bidu ta' l-ittra s-Sur Stivala kien qal li huwa nnota li s-Sinjuri Sullivan riedu jirrendu l-impjegati taghhom skjavi (slaves).

10. L-impieg. F'dik l-ittra it-Tribunal jara ghejja, nervi, u anke xi ftit nuqqas ta' rispett li jidher li kien provokat minn nuqqas iehor ta' rispett lejn l-impjegat da parti ta' l-employer. Izda l-impieg huwa l-ghajxien tal-haddiem, u ghalhekk huwa sagru, u anqas kieku l-ittra kienet wisq anqas rispettuza ma kien ikun il-kaz li timmerita l-kastig estrem tat-tkeccija. Dan il-kliem it-Tribunal ghejha jghidu, u kieku z-zewg ditti in kwistjoni qatt hadu l-inkomodu li jaqraw xi whud mill-aktar minn 50 decizjoni li ghamel s'issa dan it-Tribunal dan il-kaz ma kienx jigri. S'intendi, t-Tribunal mhuwiex qed jghid li l-impjegat jista' jittraskura d-doveri tieghu, jew li jaghmel x'jaghmel dan ma jistqax jitkecca jew jigi kkastigat. Anzi, kif qal spiss dat-Tribunal, kull employer ghandu jkollu sistema maghruf ta' dixxiplina, twissijiet (warnings), u kastigi, jekk jippretendi li huwa serju. Imma t-tkeccija tibqa' l-kastig estrem, li wiehed jasal ghalih biss ghal raguni serja u bizzejjed, u wara numru ta' twissijiet xierqa u ppruvati,

11. AWARD. Fid-dawl ta' dak kollhu li ntqal hawn fuq, it-Tribunal isib u jordna skond ma gej:

/9. .....

(1) It-tkeccija tas-Sur Angelo Stivala mid-ditti Clearing & Forwarding Services Ltd. u Sullivan Shipping Agencies Ltd.. ma kienetx gustifikata mir-ragunijiet li gew moghtija u ppruvati quddiem it-Tribunal. Ghalhekk din it-tkeccija tigi dikjarata ingusta, imma t-Tribunal huwa prekluz mill-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 li jordna li l-imkecci jerga' jigi mpjegat.

(2) Fic-cirkostanzi kollha, iz-zewg ditti separatament ghandhom jaghtu, mhux aktar tard mill-5 t'Ottubru, 1979, certifikat f'din il-forma:

"This is to certify that Mr. Angelo Stivala of 'Vincenza', Flat 4, Sisters Street, San Gwann, was employed by us as Sales Manager from May 16, 1977, to January 31, 1979, and was concerned with our overseas freight carriage activities to and from Italy, Denmark, Sweden, France, Spain, and the United Kingdom."

(3) Fic-cirkostanzi li inghadu taht il-paragrafu 11 (1) hawn fuq, it-Tribunal huwa marbut mill-artikolu 33 (2) ta' l-istess ligi li jordna l-ghoti ta' kumpens, li jithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment dwar it-tkeccija. Dan it-Tribunal diga' esprima ruhhu qabel illum li t-tul ta' zmien li jghaddi bejn tkeccija u l-ghoti ta' award mit-Tribunal huwa soggett ghal diversi fatturi u ma ghandux jigi mghobbi kollhu lil hadd. Ghalhekk it-Tribunal jordna li d-ditti Clearing & Forwarding Services Ltd. u Sullivan Shipping Agencies Ltd. flimkien (jointly) ihallsu lis-Sur Angelo Stivala is-somma wahda ta' £M400 (erba mitt lira maltin) bhala kumpens ghat-tkeccija, somma li tinkludi xahrejn paga u kumpens ghal hsara psikologika u socjali li saret lis-Sur Stivala.

Dan il-hlas ta' £M400 ghandu jsir f'idejn is-Sur Angelo Stivala mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, 1979.

12. Dan l-award ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-ammonti ta' flus imsemmija fil-paragrafu 9 (a) hawn fuq.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

25 ta' Settembru, 1979.

en